V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# KUMMISSJONI

**Sejħa għall-proposti taħt il-programm ta' ħidma tas-Seba' Programm ta' Qafas tal-KE għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni**

(2007/C 130/07)

B'dan qed jingħata avviż tat-tnedija ta' sejħa għall-proposti taħt il-programm ta' ħidma tas-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni (mill-2007 sa l-2013).

Qed jintlaqgħu proposti għas-sejħa fil-Programm Speċifiku ta' Kooperazzjoni: It-Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni: FP7-ICT-2007-2.

Id-dokumentazzjoni tas-sejħa li tinklud d-dati ta' l-għeluq tas-sejħa u l-baġit jidhru fit-test tas-sejħa, li huwa ppubblikat fuq is-sit tal-CORDIS.

http://cordis.europa.eu/fp7/calls/.

---

**Sejħa għall-proposti TREN/PIL/2007**

(2007/C 130/08)

Il-Kummissjoni bihsiebha tagħmel għotja għal proġett sperimentali mmirat lejn il-promozzjoni ta' postijiet tal-mistrieħ sikuri fuq in-netwerk transEwropew tat-toroq, kif kien tħabbar fil-programm ta' ħidma tad-DĠ TREN għall-2007. Informazzjoni dwar din is-sejħa għall-proposti hija disponibbli fuq dan l-indirizz ta' l-Internet:

http://ec.europa.eu/dgs/energy_transport/grants/proposal_en.htm